

# Il-Ktieb tal-Pesta

**Maġ. Joe Cassar**

Fil-faċċata tal-Ktieb markat numru 2 fl-Arkivji Parrokkjali ta' Ħal Tarxien, hemm miktub li dan jiġbor fih lista tal-mejtin bejn is-sena 1662–1736 flimkien ma' żewġ żwiġijiet tat-8 ta' Novembru 1662 u tas-7 ta' Jannar 1663. L-ewwel 30 folja fihom in-numru fuq, miktub bil-linka li tidher li għandha ż-żmien. Il-folji ta' wara ngħataw l-għadd sal-291 bil-*biro*. Il-folja ta' wara ma għandhiex numru. Jissuktaw 14-il folja miktubin fuq iż-żewġ naħat imma huma bla numru. Min ħadem bil-*biro* wara li niżżel in-numru 223 fuq folja għadda għan-numru 234 minflok għan-numru 224. Lejn l-aħħar hemm karta kaħla vojta. Wara din hemm 14-il folja miktuba fuq żewġ naħat u folja li ssemmi l-mewt ta' tliet trabi: Barbara Mifsud, Maria Agius, Gratia Pisano(?) u wara nkiteb bil-maqlub, b'kalegrafija oħra ż-żwiġijiet ta' Antonio Farrugia miż-Żurrieq ma' Evanġelista Falzon minn Ħal Tarxien u ta' Giodomenico Muscat minn Ħal Qormi u Antonia Calleja minn Ħal Tarxien. Fil-paġna 221 tat-tieni ktieb hemm miktub li r-reġistru għas-snin 1699–1765 jinstabu fit-tielet ktieb. Għalhekk għas-snin 1699–1736 hemm żewġ listi ta' mejtin waħda fit-tieni ktieb u l-oħra fit-tielet. Tiflija turi li fit-tieni ktieb fuq karti żgħar tniżżlu l-imwiet ta' trabi u tat-tfal li għadhom ma għamlux il-preċett u fit-tielet ktieb magħmul minn folji akbar, hemm lista tal-mejtin li għexu aktar. Il-Kappillani Dun Bernard Azzopardi, Dun Ġakbu Murga u Dun Ġwakkin żammew l-istess sistema. Fit-tielet ktieb mis-26 ta' Ottubru 1737 hemm imniżżla l-mewt tat-tarbija (*infans*) Imperia bint Petrus Farrugia u Anna ta' 3 snin. Kbar u żgħar bdew issa jitniżżlu f'daqqa.

Mill-folja numru 99 sal-folja 141 hemm lista ta' nies li mietu bil-pesta mit-8 ta' April 1676 sas-16 ta' Lulju 1676. Skont il-Kappillan Mario Axisa bil-pesta mietu f'Ħal Tarxien u Raħal Ġdid 133 ruħ (8 f'April, 31 f'Mejju, 79 f'Ġunju u 15 f'Lulju).

L-ewwel mewt hi dik ta' Domenico Farrugia li ndifen 'f'għalqa msejħa' ... Il-Kappillan ħalla barra l-isem tal-għalqa. Martina Galea li mietet fit-13 ta' April indifnet fi Triq *sans commissario* imma kien hemm fuq il-post Dun Agostino Bartolomeo Bondi difen liż-żewġ uliedu Maria (1 ta' Ġunju p.111) u Joseph (2 ta' Ġunju p. 112) ġol-bitħa tad-dar tiegħu. Martu Paulica mietet fil-5 ta' Ġunju (p.113). Hu miet fis-7 ta' Ġunju (p.116). It-tnejn indifnu fil-'post maħsub għall-infetti' bħal ħafna nies oħra. Domenica ta' madwar 36 sena ġiet midfuna f'għalqa li kienet mad-dar tagħha (11 ta' Ġunju p. 111). Żewġha, 37 sena, wara li qerr għand il-Kappillan Axisa kienet tagħtu ferneżija, qabeż ġewwa bir fejn miet.

Tħalla hemmhekk u l-bir ġie siġillatt (31 ta' Mejju p. 110). Maria mart Gaspare Chircop ta' madwar 30 sena mietet '*in hospitalis casalis Luca*' imma ndifnet Ħal Tarxien (21 ta' Ġunju p. 128). Maria mart Carlo Zammit ta' madwar 48 sena mietet fi sptar (2 ta' Lulju p. 138). Bħalha u fl-istess jum mietet fi sptar Maria mart Bernardo Azzopardi. Bħalhom Bartolomeo bin Andrea Bonnici ta' madwar 20 sena (11 ta' Lulju p. 140). Andrea Callus ta' madwar 43 sena ndifen mal-infetti għax ħadd ma kien jaf li kien hemm permess biex jindifen fil-Knisja (27



ta' Ġunju p. 135). Maruzza mart Leonardo Camilleri mietet fil-ġnien *veridario* 'ta taijar lilma' (3 ta' Ġunju p. 113).

Flaminja li żżewġet lil Lorenzo Mercieca fis-16 ta' Frar 1676 mietet fis-16 ta' Ġunju tal-istess sena meta kellha madwar 20 sena. Mariuzzo Ellul li martu Flaminja mietet fit-8 ta' Ġunju (p. 118) iżżewweġ lil Barbara Bugeja mill-Belt Valletta fil-11 ta' Novembru 1676. Ibnu mill-ewwel żwieġ Tumas kien miet fit-13 ta' Ġunju (p. 121) Gaspare Chircop li martu Marija mietet fil-21 ta' Ġunju (p. 128) ta' Madwar 30 sena żżewweġ lil Maria di Bianco fil-21 ta' Novembru 1676. Lil bintu Anna mill-ewwel żwieġ tilifha fil-15 ta' Ġunju 1676 (p. 124).

Il-Kappillan Axisa kellu l-għajnuna ta' Don Gregorio Camilleri, ta' Parti Angelo di Malta u ta' Don Clement li kunjomu jitħalla barra. Minbarra 143 sa paġna 156 il-Kappillan Axisa kiteb l-aħħar rieda (*dispositioni dell'ammalati*) ta' Matteolo Desira, Catherinuzza armla ta' Gianluca Calleja binha Antonio, Maruzzo armla tal-mejjet Gratio Barbara, Valentica Archangelo Calleja, Maruzza armla ta' Carlo Zammit, Blasco Busuttil, Gratio mart Matteo Agius. Mal-Kappillan kien ikun hemm żewġ xhieda. Tnejn minn dawn ix-xhieda mietu bil-pesta wkoll: Fracesco Busuttil (17 ta' Ġunju p. 126), Blasco Fiteni (2 ta' Lulju p. 137).

Matteolo Desira ħalla flus għall-Artal tar-Rużarju u l-Artal ta' San Rokku (9 ta' Ġunju p. 143-144). Catherinuzza armla ta' Gianluca Calleja qed tħalli flus għall-quddiesa għal ruħha u tikkonferma testmenti li għamlet għand in-nutara Giacinto d'Avolio u Michele Attardo (14 ta' Ġunju p. 146). Valentia armla ta' Angelo Calleja ħalliet għall-Artal tar-Rużarju u għall-Fratellanza tal-Lampada tas-Sagrament. Maruzza mart Carlo Zammit riedet tgħaddi żewġ skudi u sitt tarì lill-*ospitale*, żewġ ċrieket għal-Lampada tas-Sagrament, ċurkett ieħor lill-Artal ta' San Rocco u ċurkett tad-deheb lill-Kappillan.

Barra hekk riedet lill-qraba tagħha jsumu għaliha (28 ta' Ġunju p. 148). Blasco Busuttil li jidher li kien bniedem tat-tajjeb iddikjara li ħallas lil Carlo Zammit tas-salib tad-deheb jew tal-fidda li kellu jkun għotja lill-Knisja Parrokkjali u lil nies oħra, kif nies oħra ħallsu lilu. Gratia mart Matteo Agius issemmi quddies u wara tgħid li trid tħalli 10 onci lil żewġha billi bħala dota kien taha xi għonnelel. Għonnelel oħra qed tħallihom lil ulied żewġha mill-ewwel żwieġ tiegħu (15 ta' Lulju p. 155–156).

Inkiteb ħafna, żidt xi ħaġa ma' li kien hemm.

IL-WARDA FLOWER SHOP



94 Triq Ix-Xitwa, Qormi
Tel: 2149 2626

Floral arrangements for

- Weddings & Special Occasions
- Fresh Flowers Daily & Delivered
- Gift Ware
- Pottery
- Dried Flowers
- Souvenirs & Much More